**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 30 ta' Novembru 2015**

**PULIZIJA**
**Spettur Christabelle Chetcuti**
**VS**
**Michael Ellul**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Michael Ellul ta' 40 sena, bin Alfred u Anna nee' Mangion, mwieled Pieta' fis-6 ta' Ottubru 1975, residenti 14A, Orchidea, Triq Andre Vassallo, Luqa u detentur tal- Karta tal-Identita' bin-numru 458675M;

> Talli fid-29 ta' Novembru 2015 ghall-habta ta' bejn l-03.45hrs u 04.00hrs gewwa 14A, Triq Andre Vassallo, Luqa u f'dawn il- Gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-mara tieghu Roberta Ellul skont kif icceritifkat Dr Catriona Zammit MD Reg. 5689 u din l-offiza ggib mankament sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-verbal ta' llum, fejn Roberta Ellul tablet lil din il-Qorti sabiex, ai termini tal-Artikoli 543 u 545 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, twaqqaf dawn il-proceduri kontra l-imputat, li huwa zewggha;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur;

Semghet lir-rappresentanti tal-Agenzija Appogg;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 216(1)(b), 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li regghet semghet lil Roberta Ellul, mart l-imputat, tikkonferma t-talba taghha sabiex jitwaqqfu dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikoli 543 u 545 tal-Kap 9, u wara li qieset id-disposizzjonijiet tal-istess Artikoli msemmija;

Tilqa' t-talba, u ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara dawn il-proceduri ezawriti.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**